MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Avviż Dwar is-Sottomissjoni tal-Pjan tal-Għelejjel

Id-Direttur għall-Agrikoltura, skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 639.13 dwar ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola, u s-sottomissjoni tal-pjan tal-għelejjel skont ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, b'dan javża dan li ġej:

L-obbligu li jiġi sottomess pjan tal-għelejjel għandu jitwettaq permezz tal-mili u s-sottomissjoni ta' formola speċifika li hija ppubblikata fuq is-sit tal-Ministeru responsabbli għall-Agrikoltura fil-ħolqa (https://ruralaffairs.gov.mt/artagrikola/).

Dan l-obbligu japplika biss fil-każijiet fejn prodotti agrikoli, inklużi siġar tal-frott, jiġu kkultivati għal skopijiet kummerċjali. Persuni li jikkultivaw prodotti għall-konsum personali u li ma jużawx fertilizzanti, kif definit fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.66, ir-Regolamenti dwar Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, mhumiex obbligati li jissottomettu pjan tal-għelejjel.

Il-25 ta' Novembru, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Notice Regarding Crop Plan Submission

The Director for Agriculture, in accordance with Subsidiary Legislation 639.13 on the Protection of Agricultural land Regulations, and the submission of a crop plan as per regulation 4 of these regulations, hereby notifies the following:

The obligation to submit a crop plan shall be fulfilled through the completion and submission of a specific form published on the Ministry responsible for Agriculture's website at the link (https://ruralaffairs.gov.mt/artagrikola/).

This obligation applies only in cases where agricultural products, including fruit trees, are cultivated for commercial purposes. Persons cultivating products for personal consumption and who do not use fertilizers, as defined in Subsidiary Legislation 549.66, the Nitrates Action Programme Regulations, are not obliged to submit a crop plan.

25th November, 2025

AĠENZIJA GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAŻ-ŻONI TURISTIĊI

Lista ta' offerti, kwotazzjonijiet, direct orders u varjazzjonijiet mogħtija mill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 sat-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L.N. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-25 ta' Novembru, 2025

TOURISM ZONES REGENERATION AGENCY

List of tenders, quotations, direct orders and variations awarded by the Tourism Zones Regeneration Agency during the period between 1st January, 2025 to 30th June, 2025, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

25th November, 2025

Offerti/*Tenders*

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Isem tal-Offerta/ Suġġett tal-Offerta *Tender Title/ Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
NIL	NIL	NIL	NIL	NIL	NIL

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/ Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
NIL	NIL	NIL	NIL	NIL	NIL

Direct Orders

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	TZRA/DO1	Administrative services	06/05/2025	Mr Silvio Debono	€9,900
2	TZRA/DO2	Administrative services	16/04/2025	Ms Lara Zarb	€9,900.00
3	TZRA/DO3	Provision of labour services	01/04/2025	OZO Malta Ltd	€6,370.00

Varjazzjonijiet/*Variations*

Nru. tar-Ref. tal-Kuntratt *Contract Ref. No*	Titlu tal-Kuntratt/ Suġġett tal-Kuntratt *Contract Title/ Subject of Contract*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	%Varjazzjoni mill-Valur Oriġinali tal-Kuntratt *% Variation from Original Contract Value*	Valur Oriġinali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Original Contract Value Excl. VAT*	Varjazzjoni f'€ Eskluża l-VAT *Variation in € Excl. VAT*	Valur Finali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Final Contract Value Excl. VAT*
NIL	NIL	NIL	NIL	NIL	NIL	NIL	NIL

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Laqgħa Pubblika tal-Lokalità

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi l-laqgħa pubblika li trid tinżamm skont l-Att dwar il-Gvern Lokali biex jiġu preżentati l-estimi finanzjarji 2026 se ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025, fis-6.00 p.m., fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 36, Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija.

Ir-residenti ta' Ħal Lija huma mħeġġa biex jattendu.

Il-25 ta' Novembru, 2025

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

Public Locality Meeting

The Ħal Lija Local Council notifies that in accordance with the Local Government's Act, a public locality meeting will be held on Tuesday, 9th December, 2025, at 6.00 p.m., at the Local Council's Office, 36, Videnza, Triq il-Mitħna, Ħal Lija, as to present the financial estimates for the year 2026.

Ħal Lija residents are urged to attend.

25th November, 2025

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li li l-laqgħa ġenerali annwali se ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025, fis-6.00 p.m., fis-Sala tal-Kunsill fiċ-Ċentru Ċiviku ta' Birkirkara.

Ir-residenti huma mħeġġin li jattendu u jipparteċipaw.

Il-25 ta' Novembru, 2025

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Annual General Meeting

The Birkirkara Local Council notifies that the annual general meeting will be held on Tuesday, 9th December, 2025, at 6.00 p.m., inside the Council Hall of Birkirkara's Civic Centre.

Residents are encouraged to attend and participate.

25th November, 2025